MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-13 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 701/2002

**Joyce Sultana xebba Buttigieg**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi skond ic-certifikat tat-twelid ta' l-attrici, estratt numru 249 tas-sena 1977, kif ukoll fuq id-dokumenti civili ohra, hija ndikata bhala "Joyce";

Illi l-attrici minn dejjem u konsistentement issejjah lilha nnifisha "Josianne" kif ukoll kienet u ghadha maghrufa u msejha bhala "Josianne" mill-familja taghha u mill-hbieb;

Illi tali nonkonsistenza kkawzat u qed tikkawza diffikultajiet prattici u procedurali lill-attrici;

Illi l-attrici tixtieq tipprevalixxi ruhha mill-**artikolu 253 *et sequitur* tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** sabiex l-isem "Josianne" jigi registrat minflok l-isem "Joyce" li jidher fl-istess registrazzjoni numru 249 tas-sena 1977;

Illi din l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tordna lill-konvenut jissostitwixxi l-isem "Josianne" flok l-isem "Joyce" fuq l-imsemmi certifikat tat-twelid sabiex il-kolonna ntestata "isem il-wild" tigi koreguta u rrangata sabiex tidher "Josianne" minflok "Joyce", u li din is-sostituzzjoni konsegwentement tiehu effett ukoll fuq kull att tal-istat civili relattiv ghall-istess attrici u d-dokumenti ohra civili.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 7 tal-process;

Rat li fit-23 ta' Settembru 2002, inghata digriet tal-affidavit attur b'terminu ta' sittin (60) jum.

Rat ir-rikors ta' l-attrici Joyce Sultana datat 20 ta' Novembru 2002 fejn talbet l-awtorizzazjoni tal-Qorti sabiex issir il-pubblikazzjoni tat-talba tal-korrezzjoni f'isimha fil-gazzetta tal-gvern *ai termini* tal-**artikolu 254 (1) tal-Kap 12**.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti fejn laqghet it-talba b'dan li l-attrici taderixxi ruhha mad-Digriet tal-affidavits tat-23 ta' Settembru 2002.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku tat-3 ta' Dicembru 2002 a fol. 19 fejn gie eccepit:

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid numru 249 tas-sena 1977 mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

3. Illi l-Avukat Generali ghadu ma giex notifikat b’din ic-citazzjoni skond l-artikolu 181B tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 19 u 20 tal-process.

Rat li saret il-pubblikazzjoni rikjesta skond l-**artikolu 254 (1) tal-Kap 12**.

Rat il-verbal tat-30 ta’ Jannar 2003 fejn l-attrici kkonfermat id-dikjarazzjoni taghha u d-difensur taghha Dr. Ilona Debono ddikjarat li m’ghandhiex provi aktar. Il-konvenut u d-difensur tieghu msejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum 13 ta’ Frar 2003. Aktar tard deher Dr. Hubert Theuma ghall-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li ta ruhu b’notifikat bic-citazzjoni attrici u rrimetta ruhu ghall-provi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta’ l-attrici, numru 249/1977 *stante* li l-istess attrici qed isostni li dejjem kienet maghrufha bl-isem ta’

“Josianne” u mhux “Joyce” kif jinsab indikat fl-istess Certifikat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kontestati, u jidher palezament li sar zball fic-Certifikat tat-Twelid ta’ l-istess attrici, fis-sens illi gie ndikat erronjament l-isem “Joyce” meta fil-fatt l-isem korrett huwa “Josianne”.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut inkwantu l-istess huma nkompatibbli mat-talba attrici, **tilqa’ t-talbiet attrici** kif dedotti fic-citazzjoni, b’dan illi:-

1. Tordna lill-konvenut jissostitwixxi l-isem “Josianne” flok l-isem “Joyce” fuq ’l imsemmi certifikat tat-twelid sabiex il-kolonna ntestata “isem il-wild” tigi koreguta u rrangata sabiex tidher “Josianne” minflok “Joyce”, u li din is-sostituzzjoni konsegwentement tiehu effett ukoll fuq kull att tal-istat civili relattiv ghall-istess attrici u d-dokumenti ohra civili.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghanda issir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f’gudikat, u ghandha issir bis-sahha ta’ kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-Kap 16.

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssopportati mill-istess attrici, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------